MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 1896/2001/1

**Philip Camilleri**

**v.**

**Gollcher Company Limited u
Malta Maritime Authority**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2005 li permezz taghha ddecidiet fl-ewwel lok "il-kwistjoni tar-reponsabbilta" (ara l-verbal tal-21 ta' Mejju 2004).

**2.** Permezz ta' citazzjoni ppresentata fis-17 ta' Dicembru 2001, l-attur ippremetta li huwa kien gie inkarigat mill-konvenuti jew minn minnhom sabiex, fost xoghol iehor, ihott u/jew jghabbi "containers" jew "trailers" "…ghal fuq jew minn fuq il-vapur 'Lince' li taghhom il-konvenuti Gollcher Company Limited huma l-agenti f'Xatt il-Kurcifiss". Ippremetta wkoll li fit-3 ta' April 2000 huwa kellu incident fejn wegga' fuq il-lant tax-xoghol, liema incident sehh "…minhabba negligenza u traskuragni da parti taz-zewg entitajiet konvenuti jew min minnhom". Huwa kompla jghid li minhabba dan l-incident sofra disabilita` u danni permanenti, u li ghalkemm interpella diversi drabi lill-konvenuti biex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni hekk sofferti minnu, dawn baqghu inadempjenti. Ghalhekk huwa talab li l-Qorti: (1) tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident illi sehh nhar it-3 ta' April 2000 waqt li l-attur kien qieghed jaghmel xoghol fuq il-vapur 'Lince' f'Xatt il-Kurcifiss, b'rizultat ta' liema huwa wegga' u sofra danni permanenti u dan minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenuti jew min minnhom, (2) tillikwida d-danni kagunati lill-attur f'somma li tista' tigi likwidata okkorrendo bl-operat ta' periti w esperti nominandi, u (3) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-istess attur s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta minnhom in linea ta' danni kif fuq imsemmi.

**3.** Il-Malta Maritime Authority, ghalkemm debitament notifikata (ara riferta tal-5 ta' Awissu 2002, a fol. 17 *tergo*), baqghet kontumaci. Mhux l-istess ghamlet is-socjeta` Gollcher Company Limited li, permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet presentata fis-6 ta' Frar 2002 (fol. 9) eccepiet hekk:
"(1) Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi mhuwiex minnu illi huma responsabbli ghall-

incident in kwistjoni jew li kienu negligenti jew traskurati fil-konfront ta’ l-attur.

“(2) Illi l-fatt li l-eccipjenti jagixxu bhala agenti tal-vapur ‘Lince’ ma jirrendihomx responsabbli ghall-incident *de quo* u lanqas jista’ jinghad li nholoq rapport dirett bejn is-socjeta` eccipjenti u l-istess attur meta huwa gie inkarigat jaghmel xi xoghol abbord l-imsemmi bastiment.

“(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta` u danni konsegwenzjali li jistghu jigi [recte: jigu] attribwiti lill-eccipjenti ghall-incident in kwistjoni ghandhom jigu kwantifikati u limitati a tenur tal-artikli 347 *et seq.* tal-[Kap] 234 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

**4.** Skond verbal registrat fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2004 (fol. 34), il-partijiet qablu li l-ewwel Qorti l-ewwel tiddeciedi l-kwistjoni ta’ responsabbilta`. L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi – kullma kien hemm kienu tlett xhieda u cioe` l-attur (fol. 36 *et seq*), siehbu fuq ix-xoghol Moses Zammit (fol. 44 *et seq.*), u l-*Assistant Manager, Logistics* tas-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited, Joseph Azzopardi (fol. 53 *et seq.*) – u wara li ezaminat xi dokumenti prodotti mill-istess attur (ara fol. 23 sa 33), iddecidiet li l-partijiet kollha, u ghalhekk anke l-attur, kienu ko-responsabbli ta’ l-incident, kull wiehed f’terza parti. Dik il-Qorti, infatti, qalet hekk:

“Illi kif jidher mill-atti tal-kawza din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti jinstabu responsabbli ghall-incident in kwistjoni waqt li hu kien qed jahdem fuq il-vapur li tieghu is-socjeta` konvenuta hija agenta. Qed jitlob li l-istess socjeta` bhala tali u l-Awtorita` konvenuta bhala l-Awtorita` li tassenja x-xoghol in kwistjoni jinzammu responsabbli ghall incident.

“L-attur spjega a fol. 37 tal-process kif gara l-incident; “*Hin minnhom konna qed norbtu kien hemm xi naqra zejt biex jiehu l-ktajjen u hmieg u saqajja marret, zelqet, giet that saqajja...*”. Meta xehed Moses Zammit li kien qed jahdem mieghu fil-hin ta’ l-incident dan ma semma ebda zjut u qal

li kien *jahseb* li saqajn l-attur giet mall-katina li jkunu qed jorbtu biha (fol. 44 *et sequitur*).

"Joseph Azzopardi, *Assistant Manager* mas-socjeta` konvenuta, a fol 53 spjega kif jigi assenjat ix-xoghol; "L*agenzija tkun taf in-numru tal-containers u trailers li ser jinhattu jew ser jitghabbew. Abbazi ta' dak l-agenti ghandu appuntat stevedor foreman. Jaghti dawn id-dettalji lill-istivedore forman u l-istevedore jorganizza l-haddiem taxxatt minghand il-port worker scheme biex ihollu l-ktajjen u jorbtu l-ktajjen skond kemm hemm bzonn*"*.*

"Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna illi min jipprovdi x-xoghol hu marbut li jara li l-haddiem li jkun jahdem mieghu jew ghalih ikun protett mill-perikli li jgibu maghhom l-istess kondizzjonijiet li fihom jahdem l-impjegat. Dan ghalkemm ma jfissirx li kull incident li jigri fuq il-post tax-xoghol huwa tort ta' l-employer, ifisser li f'kawzi simili l-konvenut irid jipprova li jkun ha l-prekawzjonijiet kollha biex tara li l-incident ma jigrix.

"Fil-fehma tal-Qorti pero` dan il-kaz ma ghandux jigi trattat a bazi ta' relazzjoni bejn *employer* u haddiem fis-sens legali taghha. L-attur ma hux impjegat la mas-socjeta` u lanqas ma' l-Awtorita` konvenuta. Fil-fatt il-haddiema tax-xatt huma *self employed* u jigu assenjati x-xoghol kif spjegat. Ghalhekk dejjem fil-fehma tal-Qorti ma jistghux u ma ghandhomx f'dan il-kaz jigu applikati r-regoli stabbiti mil-Qrati f'kazi fejn il-haddiem iwegga fuq il-post tax-xoghol tieghu fejn ix-xoghol jigi assenjat mill-*employer* ghaliex din ir-relazzjoni guridikament ma tezistix.

"Dan lanqas ma jfisser li min ipprovda x-xoghol ghall-attur ikun ezenti minn kull responsabbilita` ghaliex dejjem japplika l-principju stabbilit fil-Kodici Civili illi min ikun il-kagun ta' hsara lil haddiehor ghandu jwiegeb ghaliha (Artikolu ..). Biss f'dan il-kaz l-attur irid jipprova l-kaz tieghu fi grad ikbar milli kieku hu mpjegat mal-konvenuti ghaliex it-tendenza tas-sentenzi msemmija hija kif gia' spjegat, illi l-konvenut irid igib il-prova li ha l-prekawzjonijiet.

"F'dan il-kaz pero` sid il-vapur certament kellu l-oneru jara illi l-istess vapur ikun nadif bizzejjed biex jista' jsir il-hatt go fih ghaliex hu naturali li z-zjut huma konducenti ghaz-zlieq u allura jekk kien hemm iz-zejt u kien dan il-kagun tal-incident, certament is-sid tal-vapur ghandu jkun ritenut responsabbli. Wiehed jifhem li vapuri ta' merkanzija ma jistghux ikunu nodfa kemm wiehed jixtieq minhabba n-natura tax-xoghol li jsir fuqhom izda certament illi l-presenza ta' materjali li minnhom infushom iwasslu ghaz-zlieq hija perikoluza meta jsir ix-xoghol tal-hatt. Hija ukoll fehma tal-Qorti li l-Awtorita` Marittima ghandha tezercita supervizjoni fuq affarijiet simili.

"Fl-istess hin il-Qorti thoss li l-attur seta' ma kienx attent bizzejjed meta kien qed ihott ix-xoghol in kwistjoni u hu probabbli li aljena rasu meta gara l-incident. Haddiem ta' esperjenza bhalu (jirrizulta li ilu kwazi hamsa u ghoxrin (25) sena jaghmel dan ix-xoghol) ghandu jobsor li jista' jkun hemm materjal li jwassal ghaz-zlieq fuq vapuri simili, minghajr ma wiehed jiskolpa lill-konvenuti.

**"Fuq dawn il-kostatazzjonijet il-Qorti issib lill-partijiet ko-responsabbli ta' l-incident in kwantu ghal terz (1/3) lill-attur u terz (1/3) kull wiehed lill-konvenuti.**

**"Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi dwar l-ewwel talba billi tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghall-incident in kwistjoni in kwantu ghal terz (1/3) kull wahda minnhom.**

**"L-ispejjes jigu sapportati kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u terz (1/3) kull wiehed mill-konvenuti. Il-Qorti ghalhekk tordna li l-kawza titkompla fuq iz-zewg talbiet l-ohra ta' l-attur."**

**5.** Minn din is-sentenza appellat biss is-socjeta` Gollcher Company Limited; il-Malta Maritime Authority baqghet ma appellatx u, ghalkemm notifikata bir-rikors ta' appell (ara riferta a fol. 75 *tergo*) kif ukoll bl-avviz ghas-smigh (fol. 86 *tergo*), anqas dehret quddiem din il-Qorti.

**6.** L-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa, bazikament, li hija qatt ma setghet tinsab b'xi mod responsabbli ghall-incident *de quo*, anke jekk f'mizura ridotta jew limitata kif irriteniet l-ewwel Qorti, u dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni hi li anke jekk kien hemm xi nuqqas da parti ta' xi hadd, zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi nuqqas da parti taghha, cioe` tas-socjeta` appellanti, u dan meta hija kienet qed tigi mharrka f'isimha proprju u mhux bhala rappresentanti tas-sidien jew armaturi tal-bastiment. It-tieni raguni hi li fi kwalunkwe kaz ma kien hemm ebda nuqqas ta' "safe place of work" kif irriteniet l-ewwel Qorti. "Il-provi juru b'mod car," tghid is-socjeta` appellanti fir-rikors ta' appell taghha, "li l-attur kien qed jaghmel xoghol normali li kien imdorri jaghmel abbord il-bastiment u l-provi juru li huwa zelaq jew tfixkel fuq il-katina li kien qed izomm meta kien qed jorbot it-*trailer* fuq il-bastiment. Ma jistax jinghad b'daqshekk illi ma kienx jezisti post jew kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha jew sigurta` tal-haddiema. Ix-xoghol partikolari tal-attur kien fin-natura stess jirrikjedi li jitla' abbord u jorbot it-*trailer* bil-katina provduta. Ma hemm l-ebda prova jew indikazzjoni li l-incident kien ir-risultat ta' xi mankanzi jew nuqqasijiet fl-ambjent fejn kien isir ix-xoghol jew alternattivament li ma kienx hemm apparat adegwat biex il-haddiema joperaw ahjar jew li xi apparat ma kienx jiffunzjona tajjeb", temmet tghid is-socjeta` appellanti.

**7.** Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha, inkluza r-risposta ta' l-appellat ghar-rikors ta' appell, u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2005, hi tal-ferma konvizjoni li dana l-appell ghandu jintlaqa', u dan ghar-ragunijiet segwenti.

**8.** Din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif, fuq il-faqar ta' provi li hemm f'din il-kawza, l-ewwel Qorti setghet tirriskontra xi nuqqas fl-ambjent tax-xoghol li fih kien qed jahdem l-attur appellat. Ghalkemm ix-xhud Moses Zammit jiddeskrivi d-dinamika ta' l-incident bhala li l-attur "zelqitlu saqajh fuq il-katina li kien hemm fl-art" (ara fol. 45) u ma jsemmix zejt jew materjal iehor, l-attur jghid (u hu l-uniku xhud f'dan ir-rigward) li "…kien hemm xi naqra zejt biex jiehu l-ktajjen u hmieg, u saqajja marret, zelqet…" (fol.

37). Minn imkien ma jirrizulta li dan iz-zejt kien xi haga li mhux suppost kienet hemm. Anqas ma jirrisulta x'kien dan is-suppost "hmieg", il-kwantita` tieghu (ghax, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, wiehed ma jistax jippretendi li fejn jidhlu l-vetturi ser ikun nadif tazza) jew jekk kienx hemm minn qabel ma telghu it-*trailers* jew gabuhx maghhom l-istess *trailers*. Anqas ma hemm xi prova jew provi konvincenti li s-socjeta` appellanti naqset milli taghmel xi sorveljanza li kienet mistennija li taghmel. Ghalkemm meta Moses Zammit gie mistoqsi (fol. 45) jekk meta jitilghu fuq il-vapur ikunx hemm xi hadd li jissorvelja l-haddiema u/jew ix-xoghol li jkunu qed jaghmlu huwa wiegeb "Suppost ikun hemm il-*foremen*, ikun hemm giex *foremen*, u rappresentant ta' l-agent", dan ma jfissirx li f'dik l-okkazjoni, cioe` <u>fid-data u l-hin ta' l-incident</u>, ma kienx hemm *foreman* jew il-*foremen* u r-rappresentant tas-socjeta` appellanti. Infatti, aktar tard u meta mistoqsi specifikatament jekk fil-gurnata in kwistjoni kienx hemm xi *foreman* u rappresentant tal-appellanti, dana Zammit qal car u tond li ma jiftakarx, ma kellu ebda idea (ara fol. 48). Ghalkemm il-provi migjuba f'kull kawza jistghu jigu <u>interpretati</u>, Qorti m'ghandhiex timla hi, permezz ta' kongetturi jew konkluzjonijiet azzardati, il-lakuni li jhallu l-provi.

**9.** Pero`, apparti dana kollu, l-ewwel Qorti kjarament irriteniet li kien <u>sid il-vapur</u> – u mhux is-socjeta` appellanti – li kellu l-obbligu *"…jara illi l-istess vapur ikun nadif bizzejjed biex jista' jsir il-hatt go fih ghaliex hu naturali li z-zjut huma konducenti ghaz-zlieq u allura jekk kien hemm iz-zejt u kien dan il-kagun ta' l-incident, certament is-sid tal-vapur ghandu jkun ritenut responsabbli."* Issa, is-socjeta` konvenuta appellanti giet imharrka fil-kapacita` taghha personali, ossia *proprio*, <u>u mhux bhala rappresentant tas-sid tal-vapur</u>. Kif tajjeb gie osservat mill-kompjant Imhallef George Schembri fis-sentenza **Vivian Bianchi bhala Direttur in rappresentanza ta' Bianchi & Sons Ltd v. Edward Sullivan u Henry S. Sullivan bhala Diretturi in rappresentanza ra' Sullivan & Sullivan Limited**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Mejju 1979, u fil-kuntest ta' "shipping order", f'kull kaz *"…jinhtieg li ssir distinzjoni bejn id-diversi kwalitajiet ta' agenziji*

*marittimi li jezistu, stante li n-natura guridika taghhom tvarja skond il-funzjonijiet li jizvolgu, u tista' wkoll tvarja minn kaz ghal kaz."* Fil-kaz in dizamina, s-socjeta` konvenuta appellanti, ghalkemm kienet l-"agent" tal-vapur, ma dahlet f'ebda relazzjoni, kontrattwali jew xort'ohra, ma' l-attur appellat (jew ma' shabu li kienu qed jahdmu fuq il-vapur 'Lince'), u *per di piu`* ma naqset b'ebda mod fil-konfront tieghu ghal dak li jirrigwarda l-lant tax-xoghol. Hija, pero`, giet imharrka personalment flok in rappresentanza tas-sid jew sidien tal-bastiment in kwistjoni, u ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha kellhom jigu akkolti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassar u tirrevoka biss dik il-parti ta' l-istess sentenza fejn is-socjeta` konvenuta appellanti Gollcher Company Limited instabet responsabbli ghall-incident in kwistjoni in kwantu ghal terza (1/3) parti, u minflok tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-imsemmija socjeta` u konsegwentement tichad l-ewwel talba attrici in kwantu diretta kontra l-istess socjeta`; u thassar u tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn is-socjeta` appellanti giet ikkundannata thallas terz (1/3) ta' l-ispejjez, u minflok tordna li hi m'ghandhiex thallas spejjez u li l-ispejjez taghha, kemm dawk quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll dawk konnessi ma' dan l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-attur appellat. Tordna fl-ahharnett li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi u fid-dawl ta' dak hawn aktar 'l fuq deciz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------